# Id-Dħul mill-Qoton fl-istorja tal-Knisja taż-Żejtun

Il-kultivazzjoni tal-qoton spiċċat għal kollox mill-gżejjer Maltin fi żminijietna iżda fl-imgħoddi, għal mijjiet ta' snin, **ipprovdiet l-għejxien għal eluf kbar ta' Maltin.** Fuq ix-xogħol kienu mpjegati mhux biss ħafna rġiel u żgħażagħ bdiewa, iżda wkoll bosta nisa u xbejbiet fi djarhom. Insemmi wkoll diversi negozjanti Żwieten. Minn dan il-ġid gawdiet ġmielha l-knisja parrokkjali tagħna.



### *Industrija qadima eluf ta' snin*

Probabilment kienu l-Feniċi li daħħlu l-kultivazzjoni tal-qoton f' Malta. **Cicerun**, l-oratur famuż Ruman, kien akkuża lil Caius Verres li seraq kwantitajiet kbar ta' drapp, magħmul minn qoton Żejtuni mit-tempju ta' Guno fuq l-għolja ta' Tas-Silġ. Tant kienet kbira l-esportazzjoni tal-qoton minn Malta fis-seklu 15, li mid-dħul finanzjarju kienu jħallsu l-ispejjez tat-**tiswija tas-swar tal-Imdina.** Għall-għata ta' ġisimhom missirijietna kienu jilbsu drappijiet ta' Malta magħmula mill-qoton.

### *Il-kelma qoton fl-idjoma Maltija*

Mhux ta' b' xejn li l-kelma "qoton" daħlet sewwa fl-idjoma Maltija. Insemmu l-kantilena li tgħid " **Fiddien ja fiddien, dak qamħek il-kejjiel, dak qotnok il-wiżż ien.**" U f' bosta proverbi Maltin fosthom " Qotna tal-moħriet aħjar minn għaxra tal-bejtiet." U xi ngħidu għall-espressjoni " **abjad qotna** "? Ix-xitla tal-qoton tidher fl-arma tal-granmastru Cotoner, kif tinsab skolpita fl-arma tiegħu fl-altari laterali fil-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun. Umbgħad viċin iż-Żejtun jinsab " **Wied il-Qoton.**"

### *Is-Seklu 15*

Mid-dokumenti nafu fiċ-ċert li l-qoton kien ilu jiġi mkabbar fl-għelieqi taż-Żejtun qabel is-seklu 16. Nhar it-2 ta' Marzu 1487, **Diegu Vella**, mir-Raħal t'isfel wiegħed li jbiegħ 175 libbra qoton tal-istess sena lil-Lhudi Josep Nifusi. Dan ma jfissirx li qabel is-seklu 15, il-qoton ma kienx diġa' jitkabbar fiż-Żejtun.

ikompli f'paġna 48

*ikompli minn paġna 47*

### *Tagħrif mill-Arkivju Parrokkjali*

Naraw issa mill-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun il-kultivazzjoni tal-qoton fiż-Żminijiet tan-nofs tardivi fil-parroċċa tagħna, meta San Girgor kienet għadha l-knisja parrokkjali. Għall-istudju tagħna huma ferm importanti r-reġistri tal-prokuraturi tal-knisja. Huma kienu jiġbru mill-familji Żwieten ħafna qoton li wara kienu jbigħuh lin-negozzjanti Żwieten biex dawn jesportawh. Ħafna minn dan il-qoton kien jinħadem fi drapp. Il-prokuraturi kienu jniżżlu l-prezz li bih kienu jbigħu l-qoton lin-negozjanti u għalhekk insiru nafu l-flus li kienet iddaħħal il-knisja. Kienet tassew industrija mifruxa sewwa li biha kien igawdi kulħadd.

Fis-sena 1736 il-knisja parrokkjali tal-lum kienet għadha mingħajr navi. Il-familja Żejtunija Castagna kienet imdaħħla ħafna fin-negozju tal-qoton. Il-padrun Mattew Castagna kellu skuna li kien juża biex jesporta l-qoton. Fl-1771 jissemma "il padrone Giuseppe Castagna." Fl-1776 meta kienu qed **jinbnew in-navi** tal-knisja ħafna mill-ispejjeż kienu jiġu jmħallsa mill-bejgħ tal-qoton, tant li nistgħu ngħidu faċilment li l-**parti kbira tal-ispejjeż tħallset mill-qoton miġbur mill-prokuraturi tal-knisja**. Fit-8 t'Ottubru 1776, "***fu fatta la raccolta di cotone e denaro***" u daħħlu s-somma ta' 136 skud, somma ġmielha għal dak iż-żmien. Sentejn wara daħħlu s-somma ta' **244 skud!** U hekk nibqgħu niltaqgħu mal-flus li sena wara l-oħra, il-prokuraturi tal-knisja kienu jdaħħlu mill-ġbir u l-bejgħ tal-qoton. In-negozju tal-qoton kien fl-aqwa tiegħu fis-snin tmenin tas-seklu 18 u f' Settembru 1788 ftit ġimgħat qabel il-festa ta' Santa Katarina, "***fu fatta la raccolta del cotone per il distretto del Zeitun.***"

### *Għajnuna lill-foqra*

F' temp ta' ftit xhur, qabel iż-Żejtun sar belt fl-1798, il-prokuratur tal-knisja, Dun Frangisk Bugeja daħħal aktar minn 300 skud mill-ġbir u l-bejgħ tal-qoton, somma li kienet tiżboq sewwa l-ġabra li saret mar-raħal kollu għall-festa ta' Santa Katarina. Iżda f' daqqa waħda l-esportazzjoni tal-qoton ħadet daqqa ta' ħarta mal-wasla tal-Franċiż i f' Malta. Il-kleru Żejtuni ħaseb biex jgħin lill-foqra Żwieten speċjalment lin-nisa, li kienu draw iħaddmu n-newl fi djarhom. Il-prokuraturi bdew jagħtu makkinarju għax-xogħol fuq il-qoton lil dawn il-foqra. "***per accomodare una ruota da filare a una povera,***" hekk kiteb Dun Mikiel Manicaro fl-24 ta' Novembru 1799 u xahrejn wara ħallas, "***skudi 20, a maestro***

*ikompli f'paġna 49*

*ikompli minn paġna 48*

***Giuseppe, falegrano per diciotto ruote date alle donne piu povere,*** u mill-ġdid ħallas 29 skudi "***per venti rotelle da filare.***"



### *Żmien l-Ingliżi*

Il-prokuratur tal-parroċċa, l-avukat Vincenzo Borg, fil-bidu ta' żmien l-Ingliżi f' Malta, beda jdaħħal somom ġmielhom mill-bejgħ tal-qoton. Dan kien sinjal li din l-industrija reġgħet irpiljat mal-wasla tal-Ingliżi. Familja oħra Żejtunija jmdaħħla f' dan-in-negozju, il-familja Diacono kienu jesportaw il-qoton fuq l-iskuna tagħhom "**Despath.**" Fl-24 t'Ottubru 1834, il-prokuratur tal-knisja daħħal 37 skud "***dal signore Giov.Battista Diacono dalla vendita di cotone.***" Warajh, il-prokuratur Dun Frangisk Bugeja daħħal sittin skud, l-istess mill-bejgħ tal-qoton.

### *Għajnuna lill-knisja*

Fl-1836 tidher familja oħra Żejtunija fin-negozju tal-qoton, **il-familja Abela Agius.** Dawn kienu sinjuri kbar magħrufa bħala **"Ta'Blawdin"** li ħallew ħafna opri fil-knisja parrokkjali fosthom il-**lampier tal-festa**. Dawn kienu joqogħdu fi Triq San Luċjan. Fis-26 ta' Novembru 1836, il-prokuratur daħħal 49 skud "***dalla vendita di cotone avuti dal signore Vincenzo Abela.***" U b'hekk ir-referenzi għall-qoton baqgħu s'issa frekwenti fir-reġistri tal-parroċċa. Allura mill-ġdid naraw l-industrija tal-qoton tgħin bis-sħiħ fil-manutenzjoni u l-opri fil-knisja parrokkjali. Kienu membri ta' dil-familja li ħallsu wkoll għal **waħda mill-qniepen tal-knisja** u aktar tard għall-**griż tad-damask**. Fil-21 ta' Novembru 1856, il-prokuratur tal-knisja Dun Alwig Abela, jgħid li, **"il negoziante Lorenzo Diacono"** tah 20 skud għall-knisja wara t-terremot ta' xahar qabel. Dun Alwig kien membru tal-familja Abela, li semmejna li kienet imdaħħla fin-negozju tal-qoton.

### *It-tieni nofs tas-seklu dsatax*

Naraw issa t-tielet familja sinjura fiż-Żejtun imdaħħla ġmielha fin-negozju tal-qoton, il-familja Mifsud. Fit-6 ta' Novembru 1863, Dun Fragisk Caruana Bugeja daħħal is-somma nkredibbli ta' 226 skud "***dal signore Giov.Batta Mifsud provenienti dalla vendita di cotone in lama.***" Sentejn wara jidhru l-ismijiet ta'

*ikompli f'paġna 50*

*ikompli minn paġna 49*

Giovanni Diacono u Orazio Abela, li xtraw il-qoton mingħand il-prokuratur tal-parroċċa u hekk nibqgħu sejrin, il-bdiewa Żwieten ikabbru l-qoton fl-għelieqi tagħhom, il-prokuraturi tal-knisja jiġbru b'xejn ħafna minn dan il-qoton u wara jbigħuh lin-negozjanti kbar Żwieten, li allura jesportawh barra minn Malta. Hekk il-knisja tagħna tibqa' tiġi megħjuna finanzjarment minn din l-industrija. Dun Frangisk Saverio Caruana fit-18 t'Ottubru 1875, jagħti dettalji meta jikteb, "***facendo le raccoltedel cotone in Casali, Pasqudino e Guedi***."

## *Tmajna l-industrija tal-qoton*

Ħames snin wara tidher familja oħra Żejtunija tinnegozja fil-qoton, il-familja Castagna. Iżda sfortunatament għal kulħadd, l-industrija tal-qoton marret ħafna lura fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u l-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Din l-industrija ma mititx f'daqqa għax xi bidwi Żejtuni 'l hawn u 'l hemm, kien għadu jkabbar il-qoton sa nofs is-seklu għoxrin! Is-swieq barranin tal-qoton Malti ntrebħu minn pajjiżi oħra u l-irġiel Żwieten bdew iħossuhom aktar fiż-żgur jaħdmu fit-tarzna f'Bormla.



## *Bosta familji jgħixu mill-qoton*

Jien nikkalkula li fl-imgħoddi, bejn wieħed u ieħor, s'intendi b'ċerti varjazzjonijiet, **terz tal-familji Żwieten kienu jgħixu mill-qoton u x-xogħol marbut miegħu.** Dan ifisser li minn madwar 4000 persuna fiż-Żejtun, 1300 kienu jiddependu mill-qoton għall-għejxien tagħhom. Sa nofs is-seklu għoxrin kien għad baqa' numru ta' nisa Żwieten jaħdmu fuq in-newl. Kellhom in-newl is-sorijiet ta' Ġesu Nażżarenu, hekk ukoll Wenza ta' Markozz, Karmni tal-Azzarin, Ġużeppa u Katarin Montebello ta' Ġildu, Wenza Chetcuti tal-Ġiċċo u **Anni t-Tiżżija,** li kellha aktar minn newl wieħed. Din tal-aħħar kienet magħrufa għall-kapaċita li kellha fil-produzzjoni tal-**parkan**, kutra ħoxna magħmula mis-suf tan-nagħaġ u l-ħajt tal-qoton, tassew *quilt* Żejtunija.

Mal-mewt ta' Anni Attard, it-Tiżżija, fid-19 ta' Diċembru 1954, spiċċat għal kollox fiż-Żejtun l-industrija tal-qoton, industrija li mhux biss **temgħet eluf kbar minn missirijietna iżda wkoll għenet mhux ftit fl-opri, manutenzjoni u festi fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun.**

**Dun Joe Abela**

***Nifirħu lil Kan Ġorġ Spiteri fl-għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni tiegħu***